MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru 713/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Noel Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Noel Farrugia ta' 32 sena, bin Carmelo u MaryRose nee` Harmsworth, imwieled Pieta' nhar il-15

ta' Dicembru 1981, residenti 80, Triq Pinto, Hal Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 37812(M):

Akkuzat talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll, jekk fi zmien differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' nhar it-2 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tas-18.00 ta' filghaxija u nhar it-3 ta' Awwissu 2014, ghall-habta tad-09.00 ta' filghodu, minn Triq il-Hlas, f' Hal Qormi:

1) Ikkommetta serq ta' zewg bankijiet, ta' valur li jeccedi €232.94, imma ma jeccediex €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur, ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi,

2) U aktar talli f'Malta, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1), u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. U li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb u jerga jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha. Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u l-fatt li kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll li l-imputat hallas parti mill-valur tar-res furtiva u li ddikjara li huwa lest li jhallas ir-rimanenti bilanc. Qieset ukoll li l-Prosekuzzjoni mhix tinsisti ghal piena karcerarja u li l-imputat jixtieq li jinghata l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat.

.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 261(c) 267, 279 u 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il (18) xahar, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal zmien erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lill-hati sabiex ihallas ir-rimanenti bilanc dovut, fl-ammont ta' erba' mija, wiehed u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€481.18) lill-parti leza u cioe' lill-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi u dan fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

In oltre bis-sahha tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Supervizjoni, ossia taht is-supervizjoni ta’ Ufficcjal Sorveljanti ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum, bil-kundizzjoni espressa li jaghmel programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga hekk kif jigi rrakkomandat lilu mill-Ufficcjal Sorveljanti.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operativ tas-sentenza sospiza, kemm il-darba huwa ma jsegwix il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta’ Supervizjoni, kif ukoll kemm il-darba huwa jonqos li jhallas l-ammont dovut minnu, fiz-zmien lilu preskritt, u dan ai termini tal-Artikoli 28A, 28G u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------